**QORTI ĊIVILI**
**(SEZZJONI FAMILJA)**

**ONOR.IMHALLEF**
**JACQUELINE PADOVANI GRIMA LL.D., LL.M. (IMLI)**

**Seduta ta' nhar il-Gimgha 14 ta' Dicembru 2018**

**Rikors Guramentat Nru: 474/2018**
**Kawza Numru : 27**

**MC**

**U**

**JC**

**Il-Qorti:**

Rat ir-rikors kongunt ta' MC u JC datat 24 ta' Ottubru 2018, a fol 1 et seqq li jaqra hekk:

1. *Illi r-rikorrenti zzewwgu nhar it-23 ta' Settembru 1997 u dan kif jidher mic-Certifikat taz-Zwieg hawn anness markat Dok. A u minn dan iz-zwieg twieldu ulied ossia AC li llum ghandu tmintax-il sena u YC li llum ghandu sittax-il sena;*

2. *Illi l-partijiet ilhom legalment separati b'kuntratt redatt min-Nutar Dr Annemarie Tonna tal-20 ta' Marzu 2010 (Dok.B);*

3. *Illi m'hemm l-ebda prospett ragonevoli ghal rikonciljazzjoni bejniethom stante illi minbarra li ilhom separati mis-sena 2010, llum ghandhom hajja*

*totalment separata minn xulxin u dan kif iddikjaraw huwa stess permezz ta' dikjarazzjoni guramentata li huma ghamlu flimkien nhar it-12 ta' Ottubru 2018 u li qieghda tigi hawn annessa u markata Dok. C;*

4. *Illi m'hemm l-ebda manteniment dovut f'dan l-istadju;*

5. *Illi dawn il-fatti hawn fuq imsemmija jissudisfaw il-kundizzjonijiet kollha mehtiega ghall-ksib tad-divorzju skond l-Artikolu 66B tal-Kodici Civili, Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;*

*Ghalhekk, ir-rikorrenti umilment jitolbu lil din l-Onorabbli Qorti joghgobha:*

1. *Tippronunzja l-hall taz-zwieg bejn il-partijiet.*

2. *Tordna lir-Registratur tal-Qorti sabiex, fi zmien imholli ghal daqshekk mill-istess Qorti javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bil-hall taz-zwieg tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku.*

Rat li l-atti tar-rikors promotur, d-digriet u tal-avviz tas-smiegh gew debitament notifikati skond il-ligi;

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat id–dokumenti ezebiti u l-atti kollha tal-kawza;

Rat l-Artikoli 66A, 66B u 66C tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

**Ikkonsidrat:**

**MC** xehed a fol 17 *et seqq* illi l-partijiet izzewgu fit-23 ta' Settembru 1997 u minn dan iz-zwieg twieldu zewgt'itfal li ghandhom tmintax u sittax -il sena. Xehed illi l-partijiet isseparaw permezz ta' kuntratt ta' separazzjoni datat 20 ta' Marzu 2010 u ilhom jghixu separatament minn dak iz-zmien. Xehed illi l-manteniment dovut ghall-ulied minuri jithallas minnu b'mod regolari, u li m'hemm l-ebda arretrati ta' manteniment.

**Ikkonsidrat;**

Il-Qorti rat id-dispozizzjonijiet relevanti tal-Kodici Civili ghal kaz in ezami senjatament:

***66A.** (1) Kull wieħed u waħda mill-miżżewġin ikollu l-jedd illi jitlob id-divorzju jew il-ħall taż-żwieġ skont kif inhu maħsub f'dan is-Sub-Titolu. Ma jkunx meħtieg illi qabel ma jiġi mitlub id-divorzju, il-miżżewġin ikunu infirdu minn xulxin b'kuntratt jew b'sentenza.*

*[...]*

***66B.** * Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet li ġejjin ta' dan l-artikolu, id-divorzju ma jistax jingħata ħlief b'talba ta' żewġ persuni miżżewġa flimkien jew ta' waħda minnhom kontra l-oħra, u sakemm il-qorti tkun sodisfatta li:*

*(a) fid-data li jibdew il-proċeduri ta' divorzju, il-miżżewġin ikunu għexu mhux flimkien għal perjodu ta', jew perjodi li jammontaw għal, mill-inqas erba' snin matul il-ħames snin minnufih preċedenti, jew ikunu għaddew mill-inqas erba' snin mid-data tas-separazzjoni legali; u*

*(b) ma hemm l-ebda prospett raġonevoli għal rikonċiljazzjoni bejn il-miżżewġin; u*

*(ċ) il-miżżewġin u kull wild tagħhom qed jirċievu manteniment adegwat, fejn hu dovut, skont iċċirkostanzi partikolari tagħhom, kif hemm maħsub flartikolu 57:*

*Iżda l-miżżewġin jistgħu f'kull żmien jirrinunzjaw għad-dritt tagħhom ta' manteniment:*

*[...]*

Il-Qorti rat jirrizulta illi l-partijiet isseparaw legalment permezz ta' kuntratt datat 20 ta' Marzu 2010 fl-atti tan-Nutar Dottor Anne-Marie Tonna, debitament awtorizzat mill-Qorti, vide Dok B a fol 3 et seqq., u ilhom jghixu separatament sa minn dak iz-zmien.

Jirrizulta ukoll m'hemmx pendenzi rigward hlas ta' manteniment bejn il-partijiet.

Il-Qorti rat illi gie pruvat inoltre li ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet.

Ghalhekk jirrizulta illi l-partijiet irnexxilhom jissodisfaw ir-rekwiziti kollha mehtiega mill-ligi sabiex zwieg jigi mahlul.

**Ghal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien xahar mill-llum, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku,**

**Il-Qorti tordna illi l-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.**

**Moqrija**

**Mhallef Jacqueline Padovani Grima LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Lorraine Dalli**
**Deputat Registratur**